**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.01 - L-ERBGĦA 3 TA' LULJU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier *(Informa li jista' jingħaqad online iżda minħabba problemi tekniċi ma setax isir kuntatt miegħu)* |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trażmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Brincat kien imsiefer u talab biex jingħaqad virtwalment. Madanakollu kien hemm xi problemi tekniċi u dan ma seħħx.

**2. INTRODUZZJONI MILL-KUNSILLIER L-AKTAR ANZJAN;**

2.1. Bdiet tmexxi l-laqgħa l-Kunsillier Maryanne Cuomo li, għall-fini tal-liġi hija l-Kunsillier l-aktar anzjan.

2.2. Hija tat merħba lill kulħadd u wara kelmtejn ta' introduzzjoni talbet lis-SE biex jibda l-proċess meħtieġ tal-aċċettazzjoni tal-karigi.

**3. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU;**

3.1. Il-Kunsillier Christopher Deguara kkonferma l-aċċettazzjoni tal-kariga tiegħu bħala Sindku.

**4. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU:**

4.1. Il-Kunsillier Joseph Spiteri kkonferma l-aċċettazjzoni tal-kariga tiegħu bħala Viċi Sindku.

**5. ĠURAMENTI TAL-KARIGA TA' SINDKU U VIĊI SINDKU;**

5.1. Is-Sindku u l-Viċi Sindku l-ġodda kienu mistiedna biex jersqu għall-ġurament tal-ħatra tagħhom. Dawn il-ġuramenti ngħataw mill-Kumissarju tal-Ġustizza Dott. Martha Mifsud. Preżenti kien hemm ukoll il-President Reġjonali Clifford Galea.

**6. DISKORS MIS-SINDKU;**

6.1. Is-Sindku, Dr C. Deguara beda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lir-residenti tal-fiduċja, irringrazzja lis-Sindki u l-Kunsillier passati tas-servizz tagħhom lir-residenti. Il-viżjoni tiegħu hija 'Serjetà għal Naxxar aħjar' filwaqt li konxju minn sfidi li l-Kunsill għandu ma' wiċċu, inkluż dawk ambjentali, ta' traffiku, kulturi u saħħa mentali. Sellem lil dawk il-kandidati li ma ġewx eletti u rringrazzja lis-Segretarjat u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill. Appella lill-Kunsillieri biex filwaqt li jisimgħu lir-residenti, ma jwegħdux l-impossibli. Huwa saħaq li se jkun hemm għar-residenti u li se jkun fit-toroq, aċċessibbli għal kulħadd. Finalment appella għall-ħidma kollettiva u li kulħadd jgħin mill-aħjar ħalli n-Naxxar verament ikun aħjar.

**7. TQASSIM TA' RESPONSABBILTAJIET;**

7.1. Is-Sindku informa li kien għadu qiegħed jiddiskuti mal-Kunsillieri dwar it-tqassim tar-responsabbiltajiet u għalhekk dan is-suġġett kien qiegħed jaġġornah għal-laqgħa li jmiss.

**8. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

8.1. Il-laqgħa ntemmet fis-19.15.

8.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju fis-18.00.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |